MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2013

Numru. 157/2013

Il-Pulizija
(Sp Frankie Sammut)
vs
Neeson Abela, iben Joseph, imwieled Pieta' fit-18 ta' Awwissu, 1995, karta ta' l-identita' numru 360395(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli:
1. fil-lejl ta' bejn l-14 ta' Frar, 2013 u il-15 ta' Frar, 2013 fl-inħawi ta' Raħal Ġdid, ikkometta serq ta' oġġetti, u cioe' diesel, kif ukoll żewġ batteriji tal-gaffa, liema serq sar għad-dannu ta' Vella Group u/jew persuni oħra li hu kkwalifkat bil-valur li jammonta għal aktar minn €116.57 imma mhux aktar minn €2,329.37 u bil-ħin;
2. talli fl-istess data u ċirkostanzi fl-inħawi tax-Xgħajra waqt li kien ma persuni oħra, dolozament bil-ħsieb li jikkometti reat u cioe' dak ta' serq aggravat wera dan il-

ħsieb b'atti esterni u ta bidu għal esekuzzjoni tad-delitt u cioe' serq ta' diesel minn truck, bin-numru tar-reġistrazzjoni BAA 925, proprjeta' ta' Abela Allison minn Birżebbuġia liema delitt ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, liema delitt li kieku seħħ kien ikun ikkwalifkat bil-valur li jammonta għal aktar minn €116.57 imma mhux aktar minn €2,329.37 u bil-ħin;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Frar, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a), 280(1) u 41(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta, l-eta' ta' l-imputat u l-ammissjoni bikrija. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Probation għal żmien ta' tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------